

Brussell, 27 ta' April 2026
(OR. en)

8602/26

EF 133
ECOFIN 529
ENV 416
SUSTDEV 34
DELECT 80

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	24 ta' April 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 2580 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'24.4.2026 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/3005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tariffi imposti mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq fuq il-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 2580 final.

Mehmuż: C(2026) 2580 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.4.2026
C(2026) 2580 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'24.4.2026

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/3005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
rigward it-tariffi imposti mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq fuq il-fornituri tal-
klassifikazzjonijiet ESG**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2024/3005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 dwar it-trasparenza u l-integrità tal-attivitajiet ta' klassifikazzjoni Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza (ESG), u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/2088 u (UE) 2023/2859 (minn hawn 'il quddiem, ir-Regolament dwar il-klassifikazzjonijiet ESG) għandu l-għan li jtejjeb il-kwalità tal-informazzjoni dwar il-klassifikazzjonijiet ESG, billi (i) itejjeb it-trasparenza tal-karatteristiċi u l-metodoloġiji tal-klassifikazzjonijiet ESG, u billi (ii) jiżgura aktar integrità tal-operazzjonijiet tal-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG u l-prevenzjoni tar-riskji ta' kunflitt ta' interess fil-livell tal-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG.

L-Artikolu 42, il-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, tar-Regolament dwar il-klassifikazzjonijiet ESG jirrikjedi li l-Kummissjoni tadotta, permezz ta' att delegat, Regolament biex jissupplimenta dak ir-Regolament billi jispeċifika t-tip ta' tariffi, għal liema ħwejjeġ huma dovuti t-tariffi, l-ammont tat-tariffi u l-ġustifikazzjoni rispettiva, il-mod li bih iridu jitħallsu u, fejn applikabbli, il-mod li bih l-ESMA trid tirmborża lill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward ta' kwalunkwe kost li jistgħu jġarrbu fit-twettiq tal-kompiti skont dak ir-Regolament, b'mod partikolari bħala riżultat ta' kwalunkwe delega tal-kompiti skont ir-Regolament dwar il-klassifikazzjonijiet ESG.

Dan ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni jindirizza dawn il-punti kollha.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-Grupp ta' Esperti tal-Istati Membri tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli ġie kkonsultat fis-26 ta' Marzu 2026.

L-ESMA pprovdiet kontribut dwar it-tariffi superviżorji fil-kuntest tar-Regolament dwar il-klassifikazzjonijiet ESG, b'mod partikolari fir-rigward tal-immappjar tas-suq tal-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG tal-UE, it-tipi differenti ta' tariffi li għandhom jinġabru, skema ta' kalkolu tal-ammonti tat-tariffi proposta u l-formalitajiet relatati mal-kalkolu u l-pagament tat-tariffi.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 1 tal-Att jipprevedi l-prinċipju ewlieni li l-kostijiet kollha relatati man-nefqa meħtieġa tal-ESMA rigward is-superviżjoni tal-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG u r-rimborż ta' kwalunkwe kost li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jġarrbu meta jwettqu kompiti skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari minħabba kwalunkwe delega tal-kompiti, se jkun koperti mit-tariffi imposti fuq il-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG. Dan il-prinċipju huwa meħud mill-Artikolu 42(1) tar-Regolament dwar il-klassifikazzjonijiet ESG.

L-Artikolu 2 jistabbilixxi regoli dwar kif jiġi ddeterminat il-fatturat applikabbli għall-allokkazzjonijiet tat-tariffi. Sabiex jiġi ffaċilitat il-kalkolu tat-tariffi mill-ESMA, il-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG għandhom jissottomettu l-kontijiet awditjati jew iċ-ċifri rilevanti ċċertifikati minn awdituri esterni, kif applikabbli. Barra minn hekk, biex tiġi żgurata l-konsistenza fost l-atti delegati dwar it-tariffi li jitħallsu lill-ESMA, u biex l-ESMA tkun tista' tiddisponi fi żmien debitu mid-data tal-fatturat awditjat għall-istima tat-tariffi dovuti lill-ESMA mill-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG, is-sena ta' referenza tal-kontijiet awditjati għad-determinazzjoni tal-fatturat applikabbli għandha tkun ta' sentejn qabel is-sena li għaliha l-ESMA timponi tariffi fuq il-fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG. Fl-aħħar nett, il-fatturat applikabbli tal-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG jiġi kkalkulat f'euro. Huwa għalhekk

meħtieġ li jiġi speċifikat mekkaniżmu għall-konverżjoni f'euro tad-dħul iġġenerat f'muniti oħra.

L-Att Delegat huwa konformi mal-aspetti armonizzati relatati mat-tariffi skont il-pakkett tal-2024 u l-prinċipji ġenerali proposti li jridu jiġu kkonsolidati fir-Regolament ESMA skont il-Pakkett dwar l-integrazzjoni tas-suq u s-superviżjoni.

L-Artikoli 3 sa 9 jipprevedu t-tipi ta' tariffi, il-modalitajiet ta' pagament tagħhom u l-kundizzjonijiet speċifiċi għar-rimborż tal-kostijiet tal-kompiti delegati lill-awtoritajiet kompetenti jew ipprovduti minnhom skont ir-Regolament dwar il-klassifikazzjonijiet ESG.

L-Artikolu 3 jelenka t-tipi ta' tariffi li l-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG se jkunu meħtieġa jħallsu kif ukoll it-tempistika u l-modalitajiet tal-pagamenti. Sabiex tiżgura l-konsistenza fost l-atti delegati dwar it-tariffi li jridu jitħallsu lill-ESMA, l-ESMA għandha tikkalkula l-penali f'każ ta' pagament tard f'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar l-imgħax ta' inadempjenza stabbiliti fl-Artikolu 99 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.

It-tariffi superviżorji annwali għall-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG awtorizzati jew rikonossuti huma ttrattati fl-Artikolu 4. It-tariffi annwali huma maħsuba biex ikopru l-attivitajiet superviżorji tal-ESMA li jkunu għaddejnin. It-tariffa superviżorja annwali għal fornitur awtorizzat tal-klassifikazzjonijiet ESG se tkun proporzjonali għall-fatturat totali tiegħu kif meħtieġ mill-Artikolu 42(2) tar-Regolament dwar il-klassifikazzjonijiet ESG.

Biex tiġi simplifikata aktar il-ġestjoni tat-tariffi, u jiġi żgurat li l-ESMA jkollha l-fondi meħtieġa biex twettaq l-attivitajiet superviżorji ppjanati tagħha, it-tariffi superviżorji annwali għandhom jitħallsu fi ħlas parzjali wieħed matul l-ewwel 3 xhur tas-sena kalendarja li għaliha jkunu dovuti tali tariffi. It-tariffi superviżorji annwali ma għandhomx jiġu rimborżati.

Fir-rigward tat-tariffi superviżorji annwali, għas-sena meta titlesta l-awtorizzazzjoni/ir-rikonossiment, il-fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG iħallas biss parti minn tariffa superviżorja tal-ewwel sena li tkun prorata skont iż-żmien bejn id-data tal-awtorizzazzjoni/rikonossiment u tmiem is-sena. Fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG li jkun awtorizzat jew rikonossut jew irreġistrat matul ix-xahar ta' Diċembru ma għandux iħallas it-tariffa superviżorja tal-ewwel sena.

Fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG ta' pajjiż terz irreġistrat skont l-Artikolu 10 tar-Regolament dwar il-klassifikazzjonijiet ESG se jkollu jħallas tariffa superviżorja annwali fissa ta' EUR 6 000. Dan huwa konformi mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament dwar il-klassifikazzjonijiet ESG li jirrikjedi li l-ammont ta' tariffa imposta fuq fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG għandu jkopri kompletament in-nefqa meħtieġa tal-ESMA relatata mas-superviżjoni tal-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG. L-ammont huwa bbażat fuq il-fatt li l-kostijiet rikorrenti tas-superviżjoni tal-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG irreġistrati se jinkludu prinċipalment il-kostijiet li jirriżultaw mill-komunikazzjoni mas-superviżuri ta' pajjiżi terzi u r-rieżami tal-informazzjoni pprovduta mill-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG irreġistrati. L-ammont huwa stabbilit f'konformità mal-istimi tal-ESMA tal-kostijiet superviżorji annwali fir-rigward tal-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG irreġistrati.

L-Artikolu 5 jistabbilixxi rekwiżiti fir-rigward ta' tariffa għall-awtorizzazzjoni. Din hija tariffa ta' darba li tirrifletti l-kostijiet tal-ESMA għall-ipproċessar ta' applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni. Dan huwa konformi mar-rekwiżit fl-Artikolu 42(1) tar-Regolament dwar il-

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.09.2024, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

klassifikazzjonijiet ESG li skontu t-tariffi imposti għandhom ikopru bis-sħiħ in-nefqa meħtieġa tal-ESMA relatata mas-superviżjoni tal-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG u r-rimborż ta' kwalunkwe kost li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jġarrbu meta jwettqu kompiti delegati. Il-kostijiet għall-ipproċessar jiddependu fil-biċċa l-kbira mid-daqs tal-fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG li jkun applika. Meta fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG ma jibqax ikkategorizzat bħala fornitur żgħir tal-klassifikazzjonijiet ESG, jew 3 snin wara r-reġistrazzjoni tiegħu, skont liema jiġi l-ewwel, għandu jkun soġġett għal tariffa fissa ridotta għall-awtorizzazzjoni. Barra minn hekk, il-kostijiet tal-ESMA għall-ipproċessar ta' applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni jiddependu wkoll fuq il-kumplessità tal-applikazzjoni, b'mod partikolari meta l-applikant:

- (1) jipprevedi l-approvazzjoni tal-klassifikazzjonijiet ESG kif imsemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament dwar il-klassifikazzjonijiet ESG; jew
- (2) jipprevedi l-użu tal-esternalizzazzjoni.

L-Artikolu 6 jitratta tariffa ta' darba għall-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG ta' pajjiżi terzi li japplikaw għar-reġistrazzjoni f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament dwar il-klassifikazzjonijiet ESG li għandhom iħallsu tariffa tar-reġistrazzjoni ta' EUR 10 000. Dan l-ammont jirrifletti l-fatt li l-isforz stmat tal-ESMA għall-valutazzjoni ta' dawn l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni jista' jkun ekwivalenti għal valutazzjonijiet simili fil-qafas ta' mandati oħra ta' superviżjoni tal-ESMA.

Tariffa ta' darba għar-rikonoxximent se tiġi stabbilita għal EUR 40 000 (l-Artikolu 7) u hija stabbilita f'konformità mal-istimi tal-ESMA tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent. F'konformità mal-Artikolu 12(5) tar-Regolament dwar il-klassifikazzjonijiet ESG, id-deċiżjoni ta' rikonoxximent se tkun ibbażata fuq il-kriterji stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4 tal-Artikolu 12 tar-Regolament dwar il-klassifikazzjonijiet ESG, inkluż jekk fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG ta' pajjiż terz għandux rappreżentant legali stabbilit fl-Unjoni maħtur espressament biex jaġixxi f'ismu u jekk huwiex soġġett għal superviżjoni f'dak il-pajjiż terz.

L-ammonti tat-tariffi għall-awtorizzazzjoni, għar-rikonoxximent u għar-reġistrazzjoni li jinsabu f'dan l-Att għandhom jiġu rieżaminati mill-Kummissjoni sabiex jitqiesu l-kostijiet li potenzjalment ikunu qegħdin jiżdedu għall-awtorizzazzjoni u għar-rikonoxximent tal-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG u l-iżviluppi ġodda tas-suq.

Fir-rigward tat-tariffi ta' darba għall-awtorizzazzjoni, għar-rikonoxximent u għar-reġistrazzjoni, meta fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG jiddeċiedi li jirtira l-applikazzjoni tiegħu, l-ESMA diġà tkun ġarrbet kostijiet u għalhekk ma għandha tkun taħt l-ebda obbligu li tirrimborża tariffi relatati ma' xi ħaġa bħal din.

Fornituri żgħar tal-klassifikazzjonijiet ESG li se jinnotifikaw lill-ESMA sabiex jiġu rreġistrati f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament dwar il-klassifikazzjonijiet ESG għandhom jintalbu jħallsu tariffa ta' darba għar-reġistrazzjoni ta' EUR 2 000 (l-Artikolu 8). Il-fornituri żgħar irreġistrati tal-klassifikazzjonijiet ESG għandhom jintalbu jħallsu — matul il-perjodu li jibbenefikaw mir-reġim temporanju — tariffi superviżorji annwali proporzjonati għall-fatturat applikabbli tagħhom li ma għandhomx jirrappreżentaw aktar minn perċentwal fiss. Madankollu, il-fornituri żgħar irreġistrati tal-klassifikazzjonijiet ESG li jistgħu jiġu kkategorizzati bħala fornituri mikro tal-klassifikazzjonijiet ESG fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/34/UE għandhom jiġu eżentati milli jħallsu tariffi superviżorji annwali matul il-perjodu kollu li fih jibbenefikaw mir-reġim temporanju.

Sabiex ikompli jappoġġaw lill-fornituri żgħar u mikro u jtejbu l-prevedibbiltà fit-tul tat-tariffi, wara t-tmiem tal-applikazzjoni tar-reġim temporanju, il-fornituri żgħar u mikro li

japplikaw għall-awtorizzazzjoni, se jibbenefikaw minn sentejn addizzjonali li matulhom it-tariffa superviżorja annwali se tkun soġġetta għall-istess limitu massimu.

L-applikazzjoni ta' tariffi li jkunu proporzjonati u xierqa għad-daqs tal-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG u skont il-portata tas-superviżjoni tagħhom, b'mod partikolari meta jiġu kkategorizzati bħala fornituri żgħar tal-klassifikazzjonijiet ESG, hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif minqux fl-Artikolu 42(2), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament dwar il-klassifikazzjonijiet ESG.

L-impożizzjoni ta' tariffi superviżorji sproporzjonati fuq il-fornituri żgħar ta' klassifikazzjonijiet ESG tipprovdi diżinċentivi għall-fornituri ġodda tal-klassifikazzjonijiet ESG biex jidħlu fis-suq u tista' tkun ta' skariġġ żejjed fuq il-fornituri żgħar tal-klassifikazzjonijiet ESG fil-fażi tal-bidu.

L-Artikolu 9 jipprovdi ċertezza lill-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li l-ESMA biss tista' titlob li jiġihallu tariffi mill-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG. Jekk l-awtoritajiet kompetenti jwettqu kompiti ddelegati lilhom mill-ESMA jew jekk l-awtoritajiet kompetenti jipprovdu assistenza lill-ESMA f'konformità mar-Regolament dwar il-klassifikazzjonijiet ESG, din tal-aħħar tirrorborża l-kostijiet reali lil dawn l-awtoritajiet kompetenti.

Fl-aħħar nett, l-Artikolu 10 jipprevedi l-iskeda ta' żmien li tirtirrigwarda d-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

It-tip u l-livell tat-tariffi speċifikati fl-Artikoli 3 sa 9 jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

Tariffi għall-awtorizzazzjoni/reġistrazzjoni u tariffi superviżorji annwali			
	Fornitur stabbilit fl-Unjoni	Fornitur stabbilit barra mill-Unjoni	
		Ekwivalenza	Rikonoxximent
Tariffa għall-awtorizzazzjoni	40 000	10 000	40 000
Tariffa addizzjonali - Approvazzjoni	5 000	M/A	M/A
Tariffa addizzjonali - Esternalizzazzjoni	5 000	M/A	M/A
Tariffa superviżorja annwali	Proporzjonata għall-fatturat	6 000	Proporzjonata għall-fatturat

Tariffi għall-fornituri żgħar tal-klassifikazzjonijiet ESG stabbiliti fl-Unjoni:

Reġim ħafif tal-Artikolu 5 (massimu ta' 3 snin) għall-fornituri żgħar		
	Fornituri żgħar	Mikroentitajiet b'fatturat totali ta' inqas minn EUR

		900 000 (kif definit f'AD)
Tariffa għar-reġistrazzjoni	2 000	2 000
Tariffa superviżorja annwali	Proporzjonata għall-fatturat b'limitu massimu ta' 2 %	Eżentati
Awtorizzazzjoni kompluta (wara 3 snin) għall-fornituri żgħar		
	Fornituri żgħar	Mikroentitajiet b'fatturat totali ta' inqas minn EUR 900 000 (kif definit f'AD)
Tariffa għall-awtorizzazzjoni	20 000	20 000
Tariffa superviżorja annwali	Proporzjonata għall-fatturat b'limitu massimu ta' 2 % għal sentejn wara l-awtorizzazzjoni Wara, proporzjonata għall-fatturat	Proporzjonata għall-fatturat b'limitu massimu ta' 2 % għal sentejn wara l-awtorizzazzjoni Wara, proporzjonata għall-fatturat

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'24.4.2026

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/3005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tariffi imposti mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq fuq il-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/3005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 dwar it-trasparenza u l-integrità tal-attivitajiet ta' klassifikazzjoni Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza (ESG), u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/2088 u (UE) 2023/2859², u b'mod partikolari l-Artikolu 42(2), it-tieni subparagrafu, tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2024/3005, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) trid titlob tariffi proporzjonati lill-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG biex ikopru kompletament in-nefqa meħtieġa tal-ESMA relatata mas-superviżjoni tal-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG u r-rimborż ta' kwalunkwe kost li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jġarrbu fit-twettiq tal-kompiti skont dak ir-Regolament, u b'mod partikolari minħabba kwalunkwe delega tal-kompiti f'konformità mal-Artikolu 43 ta' dak ir-Regolament.
- (2) Biex tiġi koperta kompletament in-nefqa tal-ESMA relatata mas-superviżjoni tal-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG, jenħtieġ li l-ESMA tiddetermina t-tariffi superviżorji annwali fuq il-bażi tal-istima annwali tal-kostijiet diretti kollha meħtieġa għall-kompiti superviżorji mwettqa mill-ESMA u tqassim proporzjonat xieraq tal-kostijiet ġenerali fissi u varjabbli tal-ESMA.
- (3) Sabiex tiġi żgurata allokkazzjoni ġusta u ċara tat-tariffi li, fl-istess ħin, tirrifletti l-iskariġġ amministrattiv reali għal kull entità taħt superviżjoni, jenħtieġ li l-ESMA tikkalkula t-tariffi superviżorji abbażi tal-fatturat tal-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG, peress li l-kost tas-superviżjoni huwa oġġa għall-fornituri akbar tal-klassifikazzjonijiet ESG milli għal dawk iżgħar.
- (4) Sabiex l-ESMA tkun tista' tiddisponi fi żmien debitu mid-data tal-fatturat awditjat għall-istima tat-tariffi dovuti lill-ESMA mill-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG, jenħtieġ li s-sena ta' referenza tal-kontijiet awditjati għad-determinazzjoni tal-fatturat applikabbli tkun ta' sentejn qabel is-sena li għaliha l-ESMA timponi tariffi fuq il-fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG.
- (5) Sabiex jiġi ffaċilitat il-kalkolu tat-tariffi mill-ESMA, jenħtieġ li l-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG jissottomettu l-kontijiet awditjati tagħhom lill-ESMA sa skadenza stabbilita.

² ĠU L, 2024/3005, 12.12.2024, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/3005/oj>.

- (6) Il-fatturat applikabbli tal-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG jiġi kkalkulat f'euro. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi speċifikat mekkaniżmu għall-konverżjoni f'euro tad-dħul iġġenerat f'muniti oħra. Jenħtieġ li l-ESMA tikkalkula l-penali f'każ ta' pagament tard f'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar l-imgħax ta' inadempjenza stabbiliti fl-Artikolu 99 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³.
- (7) Sabiex tiġi prevista ċertezza baġitarja kemm għall-ESMA kif ukoll għall-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG ikkonċernati, jenħtieġ li tiġi imposta tariffa superviżorja annwali fuq il-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG stabbiliti kemm fl-Unjoni kif ukoll barra mill-Unjoni. Jenħtieġ li t-tariffi superviżorji annwali ma jkunux ta' skariġġ għall-fornituri żgħar tal-klassifikazzjonijiet ESG u għall-parteċipanti ġodda fis-suq tal-klassifikazzjonijiet ESG. Għaldaqstant, jenħtieġ li t-tariffa superviżorja annwali tkun proporzjonata u xierqa għad-daqs tal-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG u għall-portata tas-superviżjoni tagħhom. F'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2024/3005, ġie introdott reġim temporanju biex jiffaċilita d-dħul fis-suq ta' fornituri żgħar tal-klassifikazzjonijiet ESG u biex jappoġġa l-iżvilupp tal-fornituri żgħar eżistenti tal-klassifikazzjonijiet ESG li diġà joperaw fl-Unjoni. Għad-durata ta' dak ir-reġim temporanju, jenħtieġ li l-ESMA titlob lill-fornituri żgħar tal-klassifikazzjonijiet ESG tariffa superviżorja annwali proporzjonata għall-fatturat applikabbli tagħhom. Peress li l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2024/3005 ma jirrikjedix l-istess portata ta' superviżjoni tal-fornituri żgħar tal-klassifikazzjonijiet ESG bħal fil-każ ta' entitajiet oħra u għaladarba hemm l-iskop li jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-suq għall-fornituri żgħar tal-klassifikazzjonijiet ESG, huwa meħtieġ li jiġi introdott limitu massimu fuq it-tariffi mkejjejl bħala sehem tal-fatturat applikabbli.
- (8) F'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715⁴, jenħtieġ li t-tariffi imposti fuq il-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG jiġu stabbiliti f'livell li jiżgura li jiġi kopert il-kost komplut tas-servizzi pprovduti mill-ESMA u li jiġi evitat defiċit, iżda fl-istess ħin li jevita l-akkumulazzjoni ta' surplus sinifikanti. Meta riżultat baġitarju pożittiv jew negattiv sinifikanti jsir rikorrenti, il-livell tat-tariffi jaf jiġi rivedut.
- (9) Biex tiġi simplifikata ulterjorment il-ġestjoni tat-tariffi, u jiġi żgurati li l-ESMA jkollha l-fondi meħtieġa biex twettaq l-attivitajiet superviżorji ppjanati tagħha, jenħtieġ li t-tariffi superviżorji annwali jitħallsu f'pagament parzjali wieħed matul l-ewwel 3 xhur tas-sena kalendarja li għaliha jkunu dovuti tali tariffi. Jenħtieġ li t-tariffi annwali għas-superviżjoni ma jiġux rimborżati.
- (10) Jenħtieġ li l-ESMA titlob tariffa għall-awtorizzazzjoni lill-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG stabbiliti fl-Unjoni biex tirrifletti l-kostijiet għall-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni. Il-kumplexità ta' applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni u l-kostijiet assoċjati mal-valutazzjoni tagħha jiżdiedu meta fornitur ta' klassifikazzjonijiet ESG jipprevedi li japprova l-klassifikazzjonijiet ESG jew jipprevedi li juża l-esternalizzazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li t-tariffa għall-

³ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

⁴ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/715/oj).

awtorizzazzjoni tiżdied b'tariffa relatata mal-approvazzjoni jew mal-esternalizzazzjoni kif xieraq. Il-kostijiet għall-ipproċessar jiddependu wkoll fil-biċċa l-kbira mid-daqs tal-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG li jkunu applikaw. Għaldaqstant, it-tariffa għall-awtorizzazzjoni għall-fornitur żgħir tal-klassifikazzjonijiet ESG meta ma jibqax ikkategorizzat bħala fornitur żgħir tal-klassifikazzjonijiet ESG, jew 3 snin wara r-reġistrazzjoni tiegħu, skont liema waħda tiġi l-ewwel, jenħtieġ li tkun inqas mit-tariffa fissa ġenerali għall-awtorizzazzjoni.

- (11) Il-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG stabbiliti barra mill-Unjoni li japplikaw għar-reġistrazzjoni taħt reġim ta' ekwivalenza f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2024/3005 jenħtieġ li jħallsu tariffa għar-reġistrazzjoni li l-ammont tagħha jenħtieġ li jirrifletti l-isforz stmat tal-ESMA għall-valutazzjoni ta' tali applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni. Minħabba li r-reġistrazzjoni taħt ir-reġim ta' ekwivalenza hija proċess aktar sempliċi mill-awtorizzazzjoni u minħabba l-fatt li l-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG stabbiliti barra mill-Unjoni diġà huma soġġetti għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni barra mill-Unjoni, it-tariffa għar-reġistrazzjoni jenħtieġ li tkun għalhekk ħafna aktar baxxa milli fil-każ tal-awtorizzazzjoni. Il-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG stabbiliti barra mill-Unjoni li japplikaw għar-rikonoxximent f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2024/3005 jenħtieġ li jħallsu tariffi biex ikopru l-kostijiet għar-rikonoxximent u l-kostijiet superviżorji annwali tagħhom. F'dak ir-rigward, in-nefqa meħtieġa tal-ESMA torbot mar-rikonoxximent ta' tali forniture tal-klassifikazzjonijiet ESG stabbiliti barra mill-Unjoni li jsegwi proċedura simili għal dik applikabbli għall-awtorizzazzjoni tal-fornituri ta' klassifikazzjonijiet ESG stabbiliti fl-Unjoni, u n-nefqa tal-ESMA meħtieġa għas-superviżjoni tal-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG rikonoxxuti.
- (12) Jenħtieġ li l-fornituri żgħar tal-klassifikazzjonijiet ESG li jinnotifikaw lill-ESMA sabiex jiġu rreġistrati f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2024/3005 jintalbu jħallsu tariffa għar-reġistrazzjoni fissa. Il-fornituri żgħar irreġistrati tal-klassifikazzjonijiet ESG li jistgħu jiġu kkategorizzati bħala forniture mikro tal-klassifikazzjonijiet ESG kif imsemmi fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ jenħtieġ li jiġu eżentati milli jħallsu tariffi superviżorji annwali matul il-perjodu kollu li fih jibbenefikaw mir-reġim temporanju.
- (13) Fid-dawl ta' żviluppi possibbli fil-ġejjieni, l-ammonti tat-tariffi għall-awtorizzazzjoni, għar-rikonoxximent u għar-reġistrazzjoni jistgħu jiġu rieżaminati u aġġornati kif meħtieġ.
- (14) L-awtoritajiet kompetenti jġarrbu kostijiet meta jwettqu l-kompiti ddelegati lilhom mill-ESMA u meta jipprovdu assistenza lill-ESMA fil-każijiet l-oħra speċifikati fir-Regolament (UE) 2024/3005. It-tariffi li jridu jiġu imposti mill-ESMA fuq il-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG jenħtieġ li jkopru wkoll dawk il-kostijiet. Sabiex jiġi evitat li l-awtoritajiet kompetenti jġarrbu telf jew jagħmlu profitt mit-twettiq ta' kompiti delegati jew mill-assistenza lill-ESMA, jenħtieġ li l-ESMA tirrimborża biss il-kostijiet reali mġarrba minn dik l-awtorità kompetenti nazzjonali,

⁵ Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2013/34/oj>).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Irkupru tal-kostijiet kollha ta' superviżjoni

It-tariffi imposti fuq il-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG għandhom ikopru l-kostijiet kollha relatati ma' dawn li ġejjin:

- (a) is-superviżjoni tal-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG mill-ESMA f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/3005, inklużi l-kostijiet li jirriżultaw mill-awtorizzazzjoni, mir-reġistrazzjoni u mir-rikonoxximent tal-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG;
- (b) ir-rimborż tal-awtoritajiet kompetenti li l-ESMA tkun iddelegat lilhom kompiti f'konformità mal-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2024/3005;
- (c) ir-rimborż tal-awtoritajiet kompetenti li jkunu pprovdew assistenza lill-ESMA f'konformità mal-Artikolu 33(4) u l-Artikolu 34(5) tar-Regolament (UE) 2024/3005.

Artikolu 2

Fatturat applikabbli

1. Għall-finijiet tal-kalkolu tat-tariffi superviżorji annwali msemmija fl-Artikolu 4 u t-tariffi għar-reġistrazzjoni u t-tariffi superviżorji għall-fornituri żgħar tal-klassifikazzjonijiet ESG imsemmija fl-Artikolu 8, il-fatturat applikabbli għal sena finanzjarja partikolari (n) għandu jkun id-dħul ta' fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG jew tal-grupp ta' fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG li jappartjeni għalih iġġenerat minn attivitajiet ta' klassifikazzjoni ESG kif ippubblikati fil-kontijiet awditjati tiegħu jew il-kontijiet iċċertifikati minn awdituri esterni tas-sena n-2.
2. Meta l-fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG ma jkunx opera matul is-sena finanzjarja sħiħa (n-2), l-ESMA għandha tistma d-dħul applikabbli billi testrapola dak l-ammont għas-sena finanzjarja sħiħa.
3. Meta ma jkun disponibbli l-ebda kont awditjat għas-sena (n-2) għal fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG partikolari, l-ESMA għandha tuża l-kontijiet awditjati ta' dak il-fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG tas-sena (n-1).
4. Il-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG għandhom jipprovdu lill-ESMA, fuq bażi annwali, b'kontijiet awditjati kif imsemmi fil-paragrafu 1. Il-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG għandhom jippreżentaw dawk il-kontijiet lill-ESMA permezz tal-mezzi elettroniċi sat-30 ta' Settembru ta' kull sena (n-1).
5. Meta d-dħul imsemmi fil-paragrafu 1 ikun irrappurtat f'munita oħra li ma tkunx l-euro, l-ESMA għandha tikkonverti dak id-dħul f'euro billi tuża r-rata tal-kambju medja tal-euro applikabbli għall-perjodu li matulu ġie rreġistrat dak id-dħul. Għal dak l-għan, l-ESMA għandha tuża r-rata ta' referenza tal-kambju tal-euro ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Artikolu 3

Tipi ta' tariffi u modalitajiet ta' pagament ġenerali

1. L-ESMA għandha timponi fuq il-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG stabbiliti fl-Unjoni li japplikaw għall-awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2024/3005, it-tipi ta' tariffi li ġejjin:

- (a) tariffi superviżorji annwali f'konformità mal-Artikolu 4;
 - (b) tariffi għall-awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 5.
2. L-ESMA għandha timponi fuq il-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG stabbiliti barra mill-Unjoni li japplikaw għar-rikonoxximent f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2024/3005, it-tipi ta' tariffi li ġejjin:
 - (a) tariffi superviżorji annwali f'konformità mal-Artikolu 4;
 - (b) tariffi għar-rikonoxximent f'konformità mal-Artikolu 7.
 3. L-ESMA għandha timponi fuq il-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG stabbiliti barra mill-Unjoni li japplikaw għar-reġistrazzjoni f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2024/3005, it-tipi ta' tariffi li ġejjin:
 - (a) tariffi superviżorji annwali fissi f'konformità mal-Artikolu 4;
 - (b) tariffi għar-reġistrazzjoni f'konformità mal-Artikolu 6.
 4. L-ESMA għandha timponi fuq il-fornituri żgħar tal-klassifikazzjonijiet ESG imsemmija fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2024/3005 tariffi superviżorji annwali proporzjonati u tariffi għar-reġistrazzjoni f'konformità mal-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament.
 5. It-tariffi għandhom jitħallsu bl-euro. Dawn għandhom ikunu pagabbli kif speċifikat fl-Artikoli 4, 5, 6 u 7.
 6. Kwalunkwe pagament tard għandu jkun soġġett għall-imgħax ta' inadempjenza stabbilit fl-Artikolu 99 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶.

Artikolu 4

Tariffa superviżorja annwali

1. L-ESMA għandha timponi tariffa superviżorja annwali fuq fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG irregiżtrat jew awtorizzat stabbilit fl-Unjoni jew fuq fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG rikonoxxut stabbilit barra mill-Unjoni.
2. L-ESMA għandha timponi tariffa superviżorja annwali fissa ta' EUR 6 000 fuq fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG irregiżtrat stabbilit barra mill-Unjoni li jopera fl-Unjoni taħt ir-reġim ta' ekwivalenza f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2024/3005.
3. L-ESMA għandha tikkalkula l-kost superviżorju annwali totali u t-tariffa superviżorja annwali għal sena finanzjarja partikolari għall-fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG irregiżtrat jew awtorizzat fl-Unjoni jew għall-fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG rikonoxxut stabbilit barra mill-Unjoni kif ġej:
 - (a) il-bażi għall-kalkolu tal-kost superviżorju annwali totali għal sena finanzjarja partikolari (n) għandha tkun l-istima tan-nefqa relatata mas-superviżjoni tal-

⁶ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.09.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>)

fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG kif inkluża fil-bagħit tal-ESMA għal dik is-sena, stabbilita u approvata f'konformità mal-Artikolu 63 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷;

- (b) l-ammont rilevanti għall-kalkolu tat-tariffa superviżorja annwali għal sena finanzjarja partikolari (n) għandu jkun l-istima totali tan-nefqa msemija fil-punt (a) bit-tnaqqis tat-tariffi superviżorji annwali msemija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;
 - (c) fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG irregiżtrat jew awtorizzat jew fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG rikonoxxut kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jħallas bħala tariffa superviżorja annwali parti mill-ammont rilevanti li jikkorrispondi għall-proporzjon tal-fatturat applikabbli tal-fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG irregiżtrat jew awtorizzat jew rikonoxxut mal-fatturat applikabbli totali tal-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG irregiżtrati, awtorizzati u rikonoxxuti kollha bl-obbligu li jħallsu tariffa superviżorja annwali f'konformità mal-paragrafu 1.
4. It-tariffa superviżorja annwali għandha titħallas f'pagament wieħed, li għandu jkun dovut sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Marzu tas-sena li magħha tkun relatata.
- L-ESMA għandha tibgħat noti ta' debitu lill-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG ikkonċernati li jispeċifikaw l-ammont tat-tariffa superviżorja annwali mill-inqas 30 jum kalendarju qabel il-jum li fih iridu jitħallsu t-tariffi annwali.
- It-tariffa superviżorja annwali ma għandhiex tiġi rimborzata.
5. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 3, fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG irregiżtrat, awtorizzat jew rikonoxxut bl-obbligu li jħallas tariffa superviżorja annwali f'konformità mal-paragrafu 1, għandu jħallas fis-sena tal-awtorizzazzjoni, rikonoxximent jew regjistrazzjoni tiegħu, tariffa superviżorja inizjali li tiġi kkalkulata kif ġej:

*tariffa tal-ewwel sena tal-fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG awtorizzata, irregiżtrat jew rikonoxxut =
tariffa għar-reġistrazzjoni * koeffiċjent*

*għadd ta' jiem kalendarji mid-data tal-awtorizzazzjoni, tar-reġistrazzjoni jew tar-rikonoxximent sal-31
ta' Diċembru fis-sena (n)*

Koeffiċjent = -----

għadd ta' jiem kalendarji fis-sena (n)

Madankollu, fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG li jkun awtorizzat, rikonoxxut jew irregiżtrat matul ix-xahar ta' Diċembru ma għandux iħallas it-tariffa superviżorja tal-ewwel sena.

⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1095/oj>).

Artikolu 5

Tariffa għall-awtorizzazzjoni

1. L-ammont tat-tariffa għall-awtorizzazzjoni li trid titħallas minn fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG individwali stabbiliti fl-Unjoni li japplikaw għall-awtorizzazzjoni għandu jkun proporzjonat għall-kumplessità tal-applikazzjoni.
2. Il-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG stabbiliti fl-Unjoni għandhom iħallsu tariffa fissa għall-awtorizzazzjoni ta' EUR 40 000.
Madankollu, il-fornituri żgħar tal-klassifikazzjonijiet ESG, inklużi dawk ikkategorizzati bħala fornituri mikro tal-klassifikazzjonijiet ESG, li jagħżlu li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/3005 f'konformità mal-Artikolu 5(4) ta' dak ir-Regolament jew li, wara l-konklużjoni tar-reġim temporanju, ikollhom l-obbligu li japplikaw għall-awtorizzazzjoni għandhom iħallsu tariffa fissa għall-awtorizzazzjoni ta' EUR 20 000.
3. Il-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG stabbiliti fl-Unjoni li, fiż-żmien tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni, japplikaw għall-approvazzjoni tal-klassifikazzjonijiet ESG jew għall-użu tal-esternalizzazzjoni għandhom iħallsu EUR 5 000 oħra għal kull talba.
4. Fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG stabbilit fl-Unjoni u diġà awtorizzat f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2024/3005 li jissottometti talba għall-approvazzjoni tal-klassifikazzjonijiet ESG jew għall-użu tal-esternalizzazzjoni għandu jħallas tariffa ta' EUR 5 000 għal kull talba.
5. It-tariffa għall-awtorizzazzjoni għandha tkun dovuta fil-mument li l-fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG stabbilit fl-Unjoni japplika għall-awtorizzazzjoni u għandha tkun pagabbli kollha kemm hi fi żmien 30 jum kalendarju mid-data tal-ħruġ tan-nota ta' debitu tal-ESMA.
6. L-ESMA ma għandhiex tirrimborża tariffa għall-awtorizzazzjoni mħallsa meta fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG jirtira l-applikazzjoni tiegħu għall-awtorizzazzjoni qabel ma l-ESMA tkun adottat id-deċiżjoni motivata li tawtorizza jew li tirrifjuta l-awtorizzazzjoni.

Artikolu 6

Tariffa għar-reġistrazzjoni għall-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG stabbiliti barra mill-Unjoni

1. Il-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG stabbiliti barra mill-Unjoni li japplikaw għar-reġistrazzjoni taħt ir-reġim ta' ekwivalenza f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2024/3005 għandhom iħallsu tariffa fissa għar-reġistrazzjoni ta' EUR 10 000.
2. It-tariffa għar-reġistrazzjoni għandha tkun dovuta fil-mument li l-fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG stabbilit barra mill-Unjoni japplika għar-reġistrazzjoni u għandha tkun pagabbli kollha kemm hi fi żmien 30 jum kalendarju mid-data tal-ħruġ tan-nota ta' debitu tal-ESMA.
3. L-ESMA ma għandhiex tirrimborża tariffa għar-reġistrazzjoni mħallsa meta fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG stabbilit barra mill-Unjoni jirtira l-applikazzjoni tiegħu għar-reġistrazzjoni qabel ma l-ESMA tkun ikkonfermat il-kompletezza tal-informazzjoni pprovduta mill-fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG stabbilit barra mill-Unjoni.

Artikolu 7

Tariffa għar-rikonoxximent għall-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG stabbiliti barra mill-Unjoni

1. Il-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG stabbiliti barra mill-Unjoni li japplikaw għar-rikonoxximent f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2024/3005 għandhom iħallsu tariffa fissa għar-rikonoxximent ta' EUR 40 000.
2. It-tariffa għar-rikonoxximent għandha tkun dovuta fil-mument li l-fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG stabbilit barra mill-Unjoni japplika għar-rikonoxximent u għandha tkun pagabbli kollha kemm hi fi żmien 30 jum kalendarju mid-data tal-ħruġ tan-nota ta' debitu tal-ESMA.
3. L-ESMA ma għandhiex tirrimborża tariffa għar-rikonoxximent imħallsa meta fornitur tal-klassifikazzjonijiet ESG stabbilit barra mill-Unjoni jirtira l-applikazzjoni tiegħu għar-rikonoxximent qabel ma l-ESMA tkun adottat id-deċiżjoni motivata li tikkonċedi jew li tiċħad ir-rikonoxximent.

Artikolu 8

Tariffi għar-reġistrazzjoni u tariffi superviżorji annwali għall-fornituri żgħar tal-klassifikazzjonijiet ESG

1. L-ESMA għandha timponi tariffi fissi għar-reġistrazzjoni ta' EUR 2 000 fuq il-fornituri żgħar tal-klassifikazzjonijiet ESG stabbiliti fl-Unjoni li jinnotifikaw lill-ESMA sabiex jiġu rreġistrati f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2024/3005.
2. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 4, l-ESMA għandha timponi fuq il-fornituri rreġistrati żgħar tal-klassifikazzjonijiet ESG, fil-perjodu kollu li matulu jibbenefikaw mir-reġim temporanju għall-fornituri żgħar tal-klassifikazzjonijiet ESG f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2024/3005, tariffi superviżorji annwali proporzjonati għall-fatturat applikabbli tagħhom li ma għandhomx jirrappreżentaw aktar minn 2 % tal-fatturat applikabbli tagħhom. Il-fornituri rreġistrati żgħar tal-klassifikazzjonijiet ESG li jistgħu jiġu kkategorizzati bħala fornituri mikro tal-klassifikazzjonijiet ESG kif imsemmi fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/34/UE għandhom jiġu eżentati milli jħallsu tariffi superviżorji annwali fil-perjodu kollu li matulu jibbenefikaw mir-reġim temporanju.
3. Meta fornitur żgħir tal-klassifikazzjonijiet ESG jagħżel li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/3005 f'konformità mal-Artikolu 5(4) ta' dak ir-Regolament, dak il-fornitur żgħir tal-klassifikazzjonijiet ESG għandu jħallas it-tariffa tal-awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament.
4. Wara l-konklużjoni tar-reġim temporanju għall-fornituri żgħar tal-klassifikazzjonijiet ESG f'konformità mal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2024/3005 u l-obbligu sussegwenti li jissottomettu applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni fi żmien 6 xhur biex ikomplu joperaw fl-Unjoni, matul is-sentejn ta' wara dik id-data, dawk il-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG għandhom ikomplu jħallsu t-tariffi superviżorji proporzjonati li ma għandhomx jirrappreżentaw aktar minn 2 % tal-fatturat applikabbli tagħhom. Mit-tielet sena wara li jirċievu l-awtorizzazzjoni, huma għandhom jibdew iħallsu tariffi superviżorji proporzjonati kkalkulati f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 9

Rimborż tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti

1. L-ESMA biss għandha timponi tariffi fuq il-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG għall-awtorizzazzjoni, ir-rikonossiment, ir-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tagħhom. L-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jimponu tariffi fuq il-fornituri tal-klassifikazzjonijiet ESG, inklużi każijiet fejn daww l-awtoritajiet iwettqu kompiti delegati f'isem l-ESMA f'konformità mal-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2024/3005.
2. L-ESMA għandha tirrimborża lill-awtoritajiet kompetenti għall-kostijiet reali mġarrba frott it-twettiq tal-kompiti delegati f'konformità mal-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 2024/3005 jew minħabba l-assistenza mogħtija lill-ESMA f'konformità mal-Artikolu 33(4) jew mal-Artikolu 34(5) ta' dak ir-Regolament. Il-kostijiet li għandhom jiġu rimborżati għandhom jikkonsistu fil-kostijiet fissi u l-kostijiet varjabbli kollha relatati mat-twettiq tal-kompiti delegati jew mal-assistenza mogħtija lill-ESMA.

Artikolu 10

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24.4.2026

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN